



Brussell, 9 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14012/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0218(COD)

AGRI 529
AGRIFIN 123
AGRIORG 97
AGRILEG 192
CODEC 1927
CADREFIN 335

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura / Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13578/18
Nru dok. Cion:	9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew - Rapport ta' progress

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness ir-rapport ta' progress dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif jirriżulta mid-diskussjonijiet fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli.

Rapport ta' progress dwar ir-Regolament "Emendatorju" propost

Fl-1 ta' Ġunju 2018 il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti attwali (UE) Nru 1308/2013 dwar l-OKS, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u (UE) Nru 229/2013 dwar il-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew (minn hawn 'il quddiem imsemmi r-"Regolament Emendatorju"). Il-pakkett ta' riforma tal-PAK jinkludi żewġ proposti oħra: regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli ġie identifikat bħala l-korp preparatorju inkarigat bl-eżami tar-Regolament Emendatorju propost. Dan ir-rapport jirrifletti l-ħidma li saret minn dak il-Grupp ta' Ħidma fl-4 u fl-20 ta' Lulju u fit-12 ta' Settembru 2018. B'mod partikolari, huwa eżamina:

- l-emendi għall-OKS attwali (ir-Regolament 1308/2013) li jirriżultaw mill-assenjazzjoni mill-ġdid ta' interventi settorjali lir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK, il-kalkolu mill-ġdid tal-ġhajna taħt l-iskema għall-iskejjel, it-tħassir ta' dispożizzjonijiet obsoleti li japplikaw għas-settur taz-zokkor u li jikkonċernaw is-sussidji għall-esportazzjoni, u minn bidliet fis-settur tal-inbid;
- allokazjonijiet baġitarji mnaqqsa fir-Regolament 228/2013 dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u fir-Regolament 229/2013 dwar il-gżejjer minuri tal-Eġew;
- ir-reviżjoni proposta u l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (emendi għar-Regolament 1151/2012) u għall-inbejjed (emendi għar-Regolament 1308/2013), u l-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti tal-inbid aromatizzati (emendi għar-Regolament 251/2014) fir-Regolament 1151/2012.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali eżamina l-Valutazzjoni tal-Impatt (li tkopri t-tliet proposti leġislattivi għar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni) f'Ġunju.

Diversi delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju, inkluż riżervi ta' skrutinju parlamentari, fil-laqgħat inizjali tal-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli.

L-elementi finanzjarji tal-proposta, bħall-kalkolu mill-ġdid propost tal-ġajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix u ta' ħalib u prodotti tal-ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (skema għall-iskejjel) u l-allokazzjonijiet baġitarji previsti fir-Regolament 228/2013 dwar ir-regġuni ultraperiferiċi u r-Regolament 229/2013 dwar il-gżejjer minuri tal-Eġew, jiffurmaw parti min-negojzati orizzontali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt sommarju tal-kummenti ewlenin u l-mistoqsijiet li tqajmu mill-Istati Membri fuq il-partijiet differenti tal-proposta eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli:

OKS (Regolament 1308/2013) (minbarra l-inbid):

- Flimkien mal-proposti fir-Regolament Emendatorju, bosta Stati Membri esprimew xewqa ċara li jiġu modernizzati u adattati l-istrumenti tas-suq. Ġew proposti evalwazzjoni u aġġornament tal-intervent pubbliku. Suġġetti li ġew indirizzati huma elementi aktar flessibbli ta' appoġġ għas-suq u rwol aktar attiv għall-Kummissjoni Ewropea, waqt li l-Kummissjoni Ewropea enfasizzat l-applikazzjoni flessibbli ta' miżuri ta' kriżi fl-aħħar kriżi tal-ħalib.
- L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali għandhom jingħataw aktar libertà u għandu jiġi rieżaminat it-titjib implimentat permezz tar-regolament "omnibus". Saru għadd ta' mistoqsijiet speċifiċi, speċjalment fir-rigward tal-Artikoli 149 u 152 tar-Regolament 1308/2013, li l-Kummissjoni Ewropea aċċettat li tirrieżamina u tipprovdi tweġiba bil-miktub għalihom.
- Uħud mill-Istati Membri jibzġhu li r-riassenjazzjoni tal-programmi settorjali lir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK ser iżid ir-rekwiżiti amministrattivi. Bosta mill-Istati Membri talbu li jitkomplew mingħajr interruzzjoni l-programmi tas-settur li jkopru perijodu sa 5 snin li diġà ġew approvati abbażi tar-regoli applikabbli attwalment. Ir-riassenjazzjoni lir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK ma għandux ifixkel programmi li għaddejjin. Saret diskussjoni fil-fond dwar din il-kwistjoni fil-qafas tad-deliberazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali dwar ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK.

- Għadd ta' Stati Membri kkritikaw il-proposta li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti delegati (biex temenda d-definizzjonijiet fl-Anness) u sejjħu għal limitazzjoni ta' kull setgħa simili.
- Il-fondi għall-iskemi għall-iskejjel ser jitnaqqsu, skont il-proposta, minn € 250 m għal madwar € 220.8 m minħabba t-tneħħija tal-fondi li kienu allokat li-Renju Unit. Għadd ta' Stati Membri opponew dan, waqt li appellaw biex il-qafas finanzjarju jinżamm kif inhu bil-ħsieb li jiġi ssodisfat aħjar l-oġettiv tal-promozzjoni ta' dieta tajba.
- Kien hemm qbil ġenerali dwar it-tħassir propost li jirriżulta mit-tmiem tal-kwoti taz-zokkor u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni (f'konformità mad-Deċiżjoni Ministerjali tad-WTO ta' Nairobi). Madankollu, għadd ta' tħassir addizzjonali propost (snin finanzjarji, regoli dwar l-importazzjoni tal-qanneb jew dwar l-istandards ta' kwalità tal-pitravi taz-zokkor) ġie kkontestat u jeħtieġ li jiġi ċċarat impatt tiegħu, inkluż ir-riferimenti fil-leġislazzjoni sekondarja.
- Matul il-laqgħa kif ukoll fil-kummenti bil-miktub ippreżentati mill-Istati Membri, saru proposti addizzjonali li jeħtieġ li jiġu diskussi fil-livell tal-esperti.

Tnaqqis ta' allokazżjonijiet baġitarji fir-Regolamenti 228/2013 u 229/2013

- It-tnaqqis ta' 3.9% fil-fondi għar-reġjuni ultraperiferiċi (l-Artikolu 4) u l-gżejjer minuri tal-Eġew (l-Artikolu 5) ġie rrifjutat bis-saħħa mill-Istati Membri kkonċernati u sar riferiment għall-Memorandum ta' Madrid. Il-fondi relatati u l-fondi għall-programm għall-iskejjel ser jiġu diskussi fin-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali.

Id-denominazzjonijiet tal-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel u nbejjed aromatizzati (ir-Regolament 1151/2012) u l-inbid (ir-Regolament 1308/2013)

- L-effiċjenza msaħħa u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri, kif kien l-għan tal-emendi proposti, ġew imfaħħra espressament fil-prinċipju. Issemmiet l-importanza li d-dispożizzjonijiet dwar l-indikazzjoni ġeografika fis-setturi tal-ikel, tal-inbid u tal-inbid aromatizzati jinżammu allinjati. Peress li l-proċeduri spiss jieħdu ħafna snin, l-Istati Membri enfasizzaw speċifikament il-ħtieġa għas-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni fis-settur tal-inbid.
- L-inklużjoni ta' prodotti tal-inbid aromatizzati fir-Regolament 1151/2012 huwa pass lejn l-armonizzazzjoni. L-emendi proposti jolqtu biss il-Kapitolu III - Indikazzjonijiet Ġeografiċi - ta' dan ir-Regolament, waqt li l-partijiet l-oħra tiegħu għandhom jinżammu ladarba jiddefinixxu prodotti tal-inbid aromatizzati u jistabbilixxu r-regoli għat-tikkettar tagħhom.
- Bosta Stati Membri ddikjaraw li huma favur li jinżamm l-obbligu li tiġi inkluża l-evidenza fl-ispeċifikazzjonijiet DOP/IĠP għall-ikel bħala prova li prodott joriġina fiż-żona ġeografika.
- Kien hemm appoġġ ġenerali għal protezzjoni dejjem akbar biex tinkludi oġġetti fi transitu u l-kummerċ elettroniku. Ġie ssuġġerit li d-dispożizzjoni tiġi mfassla fuq ir-regolamenti dwar id-dwana jew ir-Regolament dwar it-Trademark tal-UE.
- Peress li t-tneħħija proposta ta' kwalunkwe limitu ta' żmien għall-perijodu transitorju estiż tista' ddgħajjef il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tfixx lill-konsumaturi, l-Istati Membri jippreferu li tinżamm il-proċedura ta' eżami għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jagħtu perijodu transitorju.
- Ir-reazzjoni għall-kunċett ta' emendi tal-Unjoni u ta' emendi standard fir-Regolament 1151/2012, li ttieħed mis-settur tal-inbid, kienet ġeneralment pożittiva. Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm aktar ċarezza dwar il-klassifikazzjoni tal-emendi. Diversi Stati Membri kkritikaw l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea biex tadotta regoli addizzjonali għall-proċess ta' applikazzjoni tal-emendi.

- Uħud mill-Istati Membri appoġġaw il-fatt li l-fatturi umani jsiru komponent fakultattiv tad-DOP, sabiex jiġu evitati deskrizzjonijiet arbitrarji f'każijiet fejn il-fatturi umani attwalment ma jkunux rilevanti għall-karatteristiċi tal-prodott, waqt li Stati Membri oħrajn ma approvawx dan il-fatt u indikaw li l-fatturi umani huma element importanti tad-DOP.
- Ġiet espressa oppożizzjoni għall-għażla li tiġi sospiża l-proċedura fil-livell tal-UE fil-każ ta' proċeduri nazzjonali kontra d-deċiżjoni tar-reġistrazzjoni.
- Għal ħafna Stati Membri, ir-regoli għal-limitazzjoni tal-iskrutinju tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġu ċcekjkati żbalji evidenti mhumix ċari biżżejjed.
- Kien hemm tħassib dwar it-tnaqqis tal-perijodu ta' oppożizzjoni għal tliet xhur fir-Regolament 1151/2012, waqt li ġiet aċċettata l-estensjoni minn xahrejn għal tliet xhur fis-settur tal-inbid.
- Intalbet kjarifika dwar id-definizzjoni proposta ta' inbid DOP (bidliet għall-Artikolu 93) rigward l-estensjoni ta' varjetajiet possibbli u l-isem li jidentifika l-prodott (esklużivament post, reġjun jew pajjiż?).

Regoli għas-settur tal-inbid (ir-Regolament 1308/2013)

- Fir-rigward tal-estensjoni tal-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid (limitu ta' 1%), anke jekk il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri laqgħu l-proposta, il-fehma inizzjali ta' wħud kienet negattiva. Ikun utli għall-Istati Membri li jirċievu xi data biex ikunu jistgħu jivvalutaw aħjar l-impatt possibbli tal-emenda proposta. Ġie propost ukoll li tingħata aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet kemm għal tħawwil ġdid kif ukoll għall-preservazzjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni.

- Ir-raġunament wara l-estensjoni proposta tal-varjetajiet tal-ġeneb għall-inbid eliġibbli għall-klassifikazzjoni fl-Istati Membri u l-inklużjoni proposta tas-sitt "varjetajiet ipprojbati" kien li jiġu offruti soluzzjonijiet ekoloġiċi għas-settur. Madankollu, ġie espress tħassib dwar riskji għas-saħħa u l-kwalità marbuta mal-użu ta' daww il-"varjetajiet ipprojbati" u bosta Stati Membri kienu favur li jinżamm l-istatus quo.
- L-introduzzjoni proposta ta' prodotti tad-dielja ġodda dealkoħolizzati ssegwi x-xejriet attwali tas-suq u l-konsiderazzjonijiet dwar is-saħħa tal-konsumatur. Madankollu, jeħtieġ li ssir aktar diskussjoni fil-livell tekniku biex ikun hemm qbil dwar it-terminoloġija korretta sabiex ikunu żgurati li l-konsumatur ma jiġihawwadx bit-termini proposti "dealkoħolizzati" u "parzjalment dealkoħolizzati". Barra minn hekk, għall-kategorija msemmija l-aħħar, għandu jiġi stabbilit livell massimu ta' alkoħol. Fl-aħħar nett, kien dubjuż jekk il-kelma "nbid" tistax tintuża għal prodotti bħal dawn.
- Ir-regola dwar it-tneħħija mis-suq ta' prodotti li ma jikkonformawx mar-regoli tat-tikkettar ġiet ittrasferita mir-Regolament (UE) nru 1306/2013 għall-proposta attwali. L-Istati Membri talbu għal aktar sussidjarjetà għal kwistjonijiet bħal dawn.
- Proposti addizzjonali bħal dispożizzjonijiet għal dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni u lista tal-ingredjenti jew emendi rigward il-proċessi enoloġiċi tqajmu minn xi Stati Membri.
